

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10144/26

ECOFIN 752  
UEM 230  
SOC 340  
EMPL 169  
COMPET 699  
ENV 642  
EDUC 224  
ENER 341  
JAI 753  
GENDER 80  
JEUN 121  
SAN 417  
*ECB*  
*EIB*

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 227 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-lżvezja

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 227 final.

Mehmuż: COM(2026) 227 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 3.6.2026  
COM(2026) 227 final

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji tal-Iżvezja**

{SWD(2026) 227 final}

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Iżvezja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġġettivi ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir u reżiljenza sostenibbli u inklużivi permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll jipprevjeni defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġġettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħhom.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1176/oj>).

- (2) Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509<sup>(3)</sup>. Il-proposta għandha l-għan li żżid l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-arkitettura finanzjarja u tappoġġa l-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tagħhom f'konformità mal-Artikolu 175 TFUE.
- (3) Fil-25 ta' Novembru 2025, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih identifikat lill-Iżvezja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>(4)</sup>, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>(5)</sup> fil-21 ta' April 2026, u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.
- (4) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-Unjoni matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Is-Semestru Ewropew huwa allinjat mal-Boxxla għall-Kompetittività, u dan jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinholq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.
- (5) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-aħjar stadju tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>(6)</sup>. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti r-riformi u l-investimenti appoġġati u

<sup>3</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 - COM(2025)565 final. Ir-Regolament propost bħalissa huwa s-suġġett ta' negozjati mal-koleġislaturi.

<sup>4</sup> ĠU C, C/2026/2434, 28 ta' April 2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>.

<sup>5</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' April 2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C, C/2026/2434, 28 ta' April 2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18 ta' Frar 2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

- (6) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għall-Iżvezja. Huwa vvaluta l-progress tal-Iżvezja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-Iżvezja tal-pjan għall-RRP. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa l-Iżvezja. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Iżvezja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (7) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Iżvezja. Is-sejbiet ewlenin tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi għall-Iżvezja għall-finijiet ta' dak ir-Regolament ġew ippubblikati fl-20 ta' Mejju 2026<sup>(7)</sup>. Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Iżvezja ma għadhiex qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, għad hemm vulnerabbiltajiet relatati mas-suq tal-proprjetà immobbli tagħha u livelli għoljin ta' dejn privat iżda l-gravità tagħhom naqset dan l-aħħar. Filwaqt li l-ekonomija Żvediża hija sensitiva ħafna għar-rati tal-imgħax minħabba l-użu mifrux ta' ipoteki b'rata varjabbli, hija wriet li hija reżiljenti għar-rati tal-imgħax oġhla fl-2022 u fl-2023, li kkawża tnaqqis fil-prezzijiet tad-djar. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-prezzijiet tad-djar kienu stabbli u jidhru inqas sopravvalutati minn qabel. Is-settur kbir tal-proprjetà immobbli kummerċjali wera sinjali ta' kapaċità mtejba ta' rifinanzjament hekk kif ir-rati tal-imgħax naqsu u l-aċċess għas-suq kapitali tjejb. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi bħala sehem mill-PDG, li kien ilu jonqos mill-pandemija, naqas fl-2025 u huwa mistenni li jibqa' stabbli. Għall-ġejjieni, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni, flimkien ma' rekwiżiti aktar laxki tal-mutwatarji, jistgħu jgħollu l-prezzijiet tad-djar u d-dejn tal-unitajiet domestiċi. Il-banek għadhom b'saħħithom, profittabbli, u b'self improduttiv baxx. Dan l-aħħar ittieħdu xi miżuri bl-għan li jagħmlu s-suq tal-kiri aktar flessibbli, u l-qafas regolatorju għall-permessi tal-bini ddgħajef lejn l-aħħar tal-2025. Meta wieħed iħares' il quddiem, iż-żieda effettiva tal-provvista tal-akkomodazzjoni u l-indirizzar tal-inċentivi tat-taxxa li jiffavorixxu x-xiri ta' djar iffinanzjat mid-dejn, flimkien mal-użu għaqli ta' miżuri makroprudenzjali, jgħinu biex ikomplu jnaqqsu t-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar u jnaqqsu d-dejn tal-unitajiet domestiċi b'mod deġġiemi. Is-Semestru Ewropew se jipprovdi l-qafas għall-monitoraġġ tal-progress fir-riformi tal-akkomodazzjoni.
- (8) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Iżvezja<sup>(8)</sup>. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2028 u jistabbilixxi restrizzjoni baġitarja fil-forma ta' rata massima ta' tkabbir fin-nefqa netta fuq erba' snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta li ġejjin: 4,0 % fl-2025, 4,4 % fl-2026, 4,4 % fl-2027, u 4,6 % fl-2028, li jikkorrispondu mar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi 2023 ta' 10,7 % fl-2025, 15,5 % fl-2026, 20,6 % fl-2027, u 26,1 % fl-2028.

<sup>7</sup> SWD(2026) 143 final.

<sup>8</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju tal-Iżvezja (ĠU C, C/2025/644, 10 ta' Frar 2025), ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/644/oj>).

- (9) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għamlet stedina lil Stati Membri biex tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod ikkoordinat biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-UE biex tinkiseb żieda rapida u sinifikanti fin-nefqa fid-difiża <sup>(9)</sup> u din il-proposta ntlagħhet mill-Kunsill Ewropew fis-6 ta' Marzu 2025. L-Istati Membri xorta jistgħu jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali fi kwalunkwe ħin sal-2028, jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263.
- (10) Fit-30 ta' April 2026, l-Iżvezja ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha <sup>(10)</sup> għall-2026 dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Iżvezja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (11) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 1,5 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 2,6 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber b'1,8 % fl-2026 u 2,2 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP se tkun ta' 1,5 % fl-2026 u 1,8 % fl-2027.
- (12) Abbażi ta' data pprovduta mill-Eurostat <sup>(11)</sup>, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Iżvezja naqas minn 1,5 % tal-PDG fl-2024 għal 1,3 % tal-PDG fl-2025. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 2,8 % tal-PDG fl-2026 u defiċit ta' 2,5 % tal-PDG fl-2027. Iż-żieda fl-2026 tirrifletti prinċipalment infiq fiskali diskrezzjonali relattivament sinifikanti, speċjalment fil-qasam tad-difiża.
- (13) Abbażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali <sup>(12)</sup>, li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, kienet restrittiva, b'0,3 % tal-PDG, fl-2025. Huwa pprojettat li jkun espansjonarju, b'1.9 % tal-PDG, fl-2026, u restrittiv, b'0,6 % tal-PDG, fl-2027.
- (14) Skont data pprovduta mill-Eurostat <sup>(13)</sup>, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Iżvezja żdied minn 34,2 % tal-PDG fl-aħħar tal-2024 għal 35,1 % tal-PDG fl-aħħar tal-2025. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jiżdied għal 36,6 % sa tmiem l-2026 u jkompli jiżdied għal 37,7 % sa tmiem l-2027. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn fl-2026 tirrifletti prinċipalment iż-żieda fid-defiċit.

<sup>9</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 ta' Marzu 2025, C(2025)2000 final.

<sup>10</sup> Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: [https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports\\_en](https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en).

<sup>11</sup> L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

<sup>12</sup> Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Din għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta minn miżuri tad-dħul diskrezzjonali u bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni.

<sup>13</sup> L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

- (15) Abbażi tad-data tal-Eurostat <sup>(14)</sup>, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fl-Iżvezja ammontat għal 2,9 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-2026 tal-Kummissjoni, hija projettata li tkun 3,8 % tal-PDG fl-2026.
- (16) L-Unjoni tkompli tiffaċċja riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, l-Iżvezja adottat miżuri ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti. Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fid-dazji tas-sisa fuq il-petrol u d-diżil li mistennija jiskadu fit-30 ta' Settembru u fit-30 ta' Novembru 2026, rispettivament, u appoġġ fi flus kontanti ex post mhux immirat lill-unitajiet domestiċi għall-kostijiet tal-gass u tal-elettriku mġarrba matul Jannar u Frar 2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa pprojetat li jammonta għal 0,2 % tal-PDG fl-2026 <sup>(15)</sup>. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,4 % tal-PDG fl-2026.
- (17) Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fl-Iżvezja kibret b'2,2 % fl-2025 u b'8,2 % b'mod kumulattiv fl-2024 u l-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija wkoll taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata.
- (18) Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fl-Iżvezja hija pprojetat li tikber b'6,5 % fl-2026 u b'15,3 % b'mod kumulattiv fl-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir ipprojetat fin-nefqa netta fl-2026 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,0 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiva pprojetat tan-nefqa netta hija taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. L-involviment sistematiku, sinifikanti u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjiċda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (19) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fl-Iżvezja, hija ogħla mill-pass medju fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti fil-prattika. L-Iżvezja diġà qiegħda tiegħu azzjoni fil-qafas tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, xi oqsma jistgħu jeħtieġu aktar attenzjoni fl-implimentazzjoni, bħall-iżvilupp urban sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mill-Iżvezja fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-

<sup>14</sup> Eurostat, nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG, classification of functions of government).

<sup>15</sup> Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu (<sup>16</sup>), jintużaw malajr u b'mod effettiv.

- (20) L-Iżvezja qed tiffaċċa diversi sfidi relatati mas-suq tal-akkomodazzjoni u l-livelli għoljin ta' dejn, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli marbuta mal-kapaċità tal-grilja tal-enerġija u r-restrizzjonijiet tat-trażmissjoni, is-sistema edukattiva u l-eżiti edukattivi tal-istudenti li qed jiddeterjoraw, u d-diskrepanzi fil-ħiliet, li huma l-aktar evidenti għal persuni minn sfondi soċjoekonomiċi u ta' migrazzjoni żvantaġġati.
- (21) Il-kontrolli tal-kiri fl-Iżvezja huma l-aktar stretti fl-OECD u s-suq huwa maqsum bejn appartamenti regolati b'kirjiet taħt is-suq u unitajiet aktar ġodda b'kirjiet allinjati mas-suq. Din l-istruttura tiġġenera listi twal ta' stennija għal appartamenti regolati b'mekkaniżmi ta' distribuzzjoni limitati għal dawk l-aktar fil-bżonn, ixxejjel il-konstruzzjoni tal-akkomodazzjoni, u tirrestrinġi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. Id-data dwar il-permess tal-bini tikkonferma s-severità tat-tnaqqis fir-ritmu tal-konstruzzjoni u tindika stabbilizzazzjoni f'livelli baxxi. Żieda sinifikanti fil-konstruzzjoni, b'mod partikolari fiż-żoni urbani, tkun meħtieġa biex jiġi evitat it-twessigħ tad-distakk fil-provvista tal-akkomodazzjoni, flimkien ma' sforzi biex jitnaqqas it-tqassim medju f'żoni u jiġu permessi żminijiet ta' tnejn li jibnu fuq l-isforzi reċenti f'dak il-qasam u jestenduhom. Il-livelli ta' dejn privat huma fost l-oġhla fl-UE. It-tassazzjoni favorevoli tal-ipoteki, b'mod partikolari d-deduċibbiltà sinifikanti tal-imgħax ipotekarju, tkompli toffri inċentivi estensivi għas-self tal-unitajiet domestiċi. Riformi effettivi jistgħu jnaqqsu l-inċentivi għall-akkumulazzjoni tad-dejn u jtejbju l-affordabbiltà.
- (22) Bil-politiki attwali tagħha, l-Iżvezja mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tagħha tal-UE għall-2030 biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-pajjiż żdiedu fl-2024, prinċipalment mit-trasport bit-triq u minn makkinarju mobbli mhux tat-triq. B'mod partikolari, dan in-nuqqas jirrifletti l-bidliet reċenti fil-politika, inklużi obbligi aktar baxxi ta' taħlit tal-bijofjuwils u tnaqqis fit-taxxi fuq il-fjuwils likwidi, li wasslu għal żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Barra minn hekk, l-assorbimenti tal-karbonju tal-Iżvezja għadhom ma laħqux il-mira tal-UE għall-2030 għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija. Tkun meħtieġa aktar azzjoni politika biex jintlaħqu dawn il-miri, inkluż permezz tat-tassazzjoni fuq il-fjuwils u inċentivi għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.
- (23) L-Iżvezja għadha l-Istat Membru bl-oġhla sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija tagħha. Madankollu, ir-restrizzjonijiet fil-kapaċità u t-trażmissjoni tal-grilja tal-enerġija jfixxlu l-użu ulterjuri ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. It-tneħħija ta' dawn ir-restrizzjonijiet hija kruċjali, peress li l-konsum finali tal-elettriku tal-Iżvezja huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti fil-perjodu sal-2045, xprunat miż-żieda fil-ħtiġijiet tal-elettrifikazzjoni tal-industrija u tat-trasport. It-titjib tal-aċċess għall-potenzjal mhux sfruttat tal-Iżvezja għall-enerġija rinnovabbli jista' jakkomoda l-elettrifikazzjoni kontinwa tal-industriji fin-Nofsinhar tal-pajjiż, u jappoġġa l-iżvilupp industrijali innovattivi u ekoloġiċi u d-dekarbonizzazzjoni fit-Tramuntana.

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

- (24) Il-proċeduri attwali għall-għoti ta' permessi jfixklu proġetti ġodda tal-industrija nadifa fuq skala kbira u l-espansjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli tal-Iżvezja. Proċeduri twal u kumplessi joħolqu, fost affarijiet oħra, inċertezza fl-investment u jfixklu l-adozzjoni ta' proġetti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u fuq l-art. L-Iżvezja tibbenefika mill-estensjoni u l-bini fuq l-iskemi ta' kumpens lokali mmirati deċiżi reċentement u mit-tnaqqis ulterjuri tal-ostakli li jirriżultaw minn proċeduri ineffiċjenti għall-għoti ta' permessi u d-drittijiet ta' veto tal-muniċipalitajiet.
- (25) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tiħiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fl-oqsma tal-ħiliet u l-edukazzjoni, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lill-Iżvezja jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.
- (26) Filwaqt li l-istudenti Żvediżi għandhom prestazzjoni oġhla mill-medja tal-UE fil-ħiliet bażiċi u diġitali, l-eżiti tal-edukazzjoni fil-ħiliet bażiċi naqsu mill-2018. Is-sistema skolastika ma tiżgurax l-ekwità, li tintwera mill-fatt li l-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi huwa partikolarment għoli għall-istudenti bi sfond soċjoekonomiku ta' migrazzjoni jew żvantaġġat, li huma wkoll aktar probabbli li jkunu kkonċentrati f'ċerti skejjel. Studenti minn sfondi żvantaġġati huma wkoll sottorappreżentati fi skejjel operati privatament, li bħala medja huma aktar ġenerużi fil-gradazzjoni tagħhom u li l-istudenti tagħhom għalhekk jingħataw possibbiltajiet akbar li jikkwalifikaw għal aktar studji. Sehem sinifikanti ta' studenti jtemmu l-iskola obbligatorja bi gradi li huma baxxi wisq jew mhux kompluti, u jeskluduhom milli jikkwalifikaw għall-iskola sekondarja għolja u sussegwentement għall-edukazzjoni kontinwa u għolja. In-nuqqas persistenti ta' għalliema kwalifikati, speċjalment fl-iskejjel u fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal b'għadd kbir ta' studenti żvantaġġati, joħloq riskju għall-kwalità u l-ekwità tas-sistema edukattiva u jkompli jaggrava l-eżiti tal-edukazzjoni li dejjem imorru għall-aġħar. L-Iżvezja tibbenefika jekk tibni fuq proposti reċenti ta' riforma li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kawżi sottostanti ta' xejriet negattivi fl-ekwità u l-prestazzjoni.
- (27) Minkejja l-isforzi, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu jippersisti f'ċerti setturi u okkupazzjonijiet, bħall-professjonijiet tal-kura tas-saħħa, tal-IT u tal-edukazzjoni, u huwa aggravat aktar minn diskrepanzi bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ, u d-domandi tas-suq tax-xoġhol. Dan għandu impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-Iżvezja u jwassal għal qgħad strutturali. Hemm diversi reġjuni, bħal fiż-żoni skarsament popolati tat-Tramuntana b'nuqqas ta' ħaddiema, filwaqt li l-ħaddiema huma żejda f'reġjuni oħra, li juri l-ħtieġa li tittejjeb il-mobbiltà tal-forza tax-xoġhol u li jittejbu s-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jirrilokaw lejn reġjuni fejn l-opportunitajiet ta' impjieg disponibbli jaqblu aħjar mal-ħiliet tagħhom. Minkejja l-parteċipazzjoni dejjem tikber fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training), hija għadha qed tiffaċċja sfidi fl-adattament għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol u l-perċentwal ta' gradwati li jaħdmu f'impjegi li jaqblu mal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom qed jonqos. L-impatt tal-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-integrazzjoni aktar rapida ta' persuni minn gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari l-individwi minn sfondi żvantaġġati u ta' migrazzjoni, fis-suq tax-xoġhol, s'issa kien limitat u l-Iżvezja għad għandha l-oġhla rata ta' qgħad tal-UE għal persuni li twieldu barra mill-UE. Il-livell edukattiv aktar baxx milħuq u l-ħiliet limitati ta' individwi minn gruppi vulnerabbli jkomplu jnaqqsu l-impjegabbiltà tagħhom.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Iżvezja fl-2026 u fl-2027 tieġu azzjoni biex:

1. Fid-dawl tad-devjazzjoni materjali pproġettata għall-2026 mill-Kummissjoni vis-à-vis il-limitu massimu tan-nefqa netta rakkomandat, tiżgura li n-nefqa netta tirrispetta r-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025. Issaħħaħ il-prontezza tad-difiża filwaqt li tiżgura l-effiċjenza fl-infiq u tadatta gradwalment il-baġit biex issostni nfiq strutturalment oġhla fid-difiża. Tiżgura li kwalunkwe miżura li tittieħed biex tnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija tkun temporanja, immirata lejn il-ħarsien tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kumpaniji b'użu intensiv tal-enerġija, tippreserva l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li tiżgura li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impjenji skont il-qafas fiskali tal-UE.
2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li tibnu, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal prijoritajiet strateġiċi fir-rieżami ta' nofs it-terminu u l-flessibiltajiet ipprovdu ti fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Ittejjeb l-effiċjenza tas-suq tal-akkomodazzjoni, inkluż billi tintroduċi riformi fis-suq tal-kiri. Tistimula l-investment fil-kostruzzjoni residenzjali u tneħħi l-ostakli strutturali biex ittaffi n-nuqqasijiet, b'mod partikolari fiż-żoni urbani. Tnaqqas l-inċentivi għall-akkumulazzjoni tad-dejn, inkluż billi telimina jew tnaqqas id-deduċibbiltà tat-taxxa tal-imgħax ipotekarju.
4. Tiżgura l-kisba tal-miri tat-tnaqqis u t-tneħħija tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra billi tnaqqas, b'mod partikolari, l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq. Tespandi u taġġorna n-networks tat-trażmissjoni tal-enerġija. Taċċellera u tissimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u fuq l-art, u tevita t-treġġiġh lura tal-permessi għall-approvazzjoni.
5. Ittejjeb l-eżiti edukattivi, b'mod partikolari tal-istudenti minn sfondi soċjoekonomiċi u ta' migrazzjoni żvantaġġati, tindirizza n-nuqqas ta' għalliema kwalifikati, tiżgura l-ekwità fis-sistema skolastika. Tiżviluppa l-ħiliet tal-forza tax-xoġhol u tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġ fil-ħiliet permezz ta' miżuri mmirati ta' politika attiva tas-suq tax-xoġhol, u permezz ta' appoġġ u inċentivi biex tittejjeb l-integrazzjoni b'mod partikolari ta' individwi minn sfondi soċjoekonomiċi u ta' migrazzjoni żvantaġġati fis-suq tax-xoġhol.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*